MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru. 158/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Anthony Mallia ID 137271(M) iben Joseph u Margaret nee` Spiteri mwieled Pieta' fill-11/03/1971 u residenti gewwa Nru. 19, Sqaq il-Knisja, Zabbar.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Mallia li giet akkuzat talli fl-14 ta' Novembru 2009 ghall-habta ta' bejn l-04.00pm u l-04.20pm barra l-marsa Sports Ground, Marsa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 t'April 2007, fejn kien misjub hati li ikkommettejt reat u gejt ikkundannat sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin.

U aktar talli ksirt provvediment tal-Probation fejn kont gejt misju hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata17 ta' April, 2007.

U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Madankollu l-akkuza ta' ksur ta' probation ma tirrizultax;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fatt illi l-imputat ghandu hajja stabbli u llum qed jirresjedi barra minn Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 28B(2)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt euro (€500) li tithallas fi zmien hames (5) xhur b'rati mensili ta' mitt euro (€100) fix-xahar, bl-ewwel pagament mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar 2012. Inoltre testendi s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta' April, 2007, ta' sitt (6) xhur prigunerijaghal tlett snin ohra li jibdew jiddekorru mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok SZ3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------